**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 61/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Graziella Debono**

Illum, il-25 ta' Jannar, 2024

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil **Graziella Debono**, ta' 44 sena, bint missier mhux maghruf u Ludgarda, imwielda l-Pieta', Malta nhar 1 ta' Jannar 1977 u residenti gewwa l-fond Arzella, flat 7, Triq Il-Qawra, II-Qawra u detentrici tal-karta ta' l-identita Maltija numru 38877M akkuzatha talli:

1. Nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar elfejn u wiehed u ghoxrin (2021), ghall-habta ta' bejn it-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs) u l-hamsa ta filghxija (17:00hrs) gewwa l-istabiliment Paul's Pet Shop, Triq Il-Marsa, Il-Marsa ikkometiet serq ta' madwar erbgha mitt euro fi flus kontanti ghad-dannu ta' Paul Muscat u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat, bil valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37).

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisret il-kundizzjonijiet imposti fuqha b'digriet datat 5 ta' Novembru 2020 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Rachel Montebello LL.D. li permezz tieghu hija nghatat l-helsien mill-arrest.

II-Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' l-imsemmija Graziella Debono. Kif ukoll tordna li s-somma ta' hamest elf u hames mitt Ewro (€5,500) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

II-Qorti giet ukoll mitluba sabiex titratta ma Graziella Debono bhala persuna recidiva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il- ligi, tordna lill-imputat Graziella Debono, thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu. mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tat-28 ta' Jannar 2021 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenniet li mhux hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.[1]

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[2]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar l-14 ta' Marzu 2023.[3]

Rat illi l-provi tad-difiza gew iddikjarati maghluqa nhar is-16 ta' Mejju 2023.[4]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna l-allegat serq mill-imputata Graziella Debono ta' somma ta' flus kontanti ta' madwar €400 mill-hanut Paul's Pet Shop, Triq il-Marsa, il-Marsa, nhar il-25 ta' Jannar 2021 ghall-habta tal-16:00hrs.

---

[1] Folio 5 ta' l-atti processwali
[2] Folio 10 ta' l-atti processwali
[3] Folio 64 ta' l-atti processwali
[4] Folio 71 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2021 xehed **Paul Muscat (Sr)**[5], li jiggestixxi l-hanut bl-isem Pawlu Pet Shop, Triq il-Marsa, il-Marsa. Spjega li aktar kmieni dakinhar, kien hemm persuna li talbitu johrog joqtlilha fenek u hekk kif hargu, haditlu madwar €400 li kellu ghax kien ghadu kemm biegh pappagall. Wara li nduna li l-flus kienu nieqsin, iccekkja l-filmati CCTV u fihom ra lill-din il-persuna, li huwa gharaf bhala l-imputata, l-ewwel tfittex f'envelope u imbaghad tfittek fil-kexxun sa ma hadet il-flus u poggiethom fil-but. Iccara li fil-mument li sehh dan, fil-hanut kienu tlieta minn nies fil-hanut – hu, certu Joseph li jghinu u l-imputata. Kien hemm ukoll dik li dehret bhal habiba tal-imputata imma harget barra hdejn xi fniek li kellu. In kontro-ezami stqarr li ghalkemm ma kienx hemm ircevuta ta' kemm inbiegh il-pappagall, il-kontanti kienu f'karta tal-€50. Qal ukoll li kien thallas tal-fenek b'karta ta' €50.

Fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2022 xehed **PS 991 Alexander Gauci**[6], stazzjonat fl-Ghassa tal-Hamrun. Spjega kif nhar il-25 ta' Jannar 2021 ghall-habta tad-21:00hrs marru jirrappurtaw l-Ghassa tal-Hamrun certu Paul Muscat u ibnu li ukoll jismu Paul. Dawn qalu li aktar kmieni dakinhar, ghall-habta tal-16:15hrs kienu ittiehdulhom madwar €400 fi flus kontanti mill-cash register tal-hanut li ghandhom fil-Marsa bl-isem Pawlu Pet Shop. Ix-xhud gabar filmat CCTV illi

[5] Fol. 21-27 tal-atti processwali.
[6] Fol. 37-39 tal-atti processwali.

provdew il-kwerelanti, mill-liema filmat giet identifikata l-imputata Graziella Debono bhala l-malvivent.

Fl-istess seduta xehed **PS 1147 Antoine Fenech**[7], stazzjonat fl-Ghassa tal-Hamrun li pprezenta kopja tal-filmat CCTV relattiv.

Fl-istess seduta xehed **l-Ispettur Roderick Attard**[8], stazzjonat fl-Ghassa tar-Rabat. Ix-xhud spjega li in segwitu tar-rapport li kien sar minn Paul (Sr) u Paul (Jr) Muscat dwar allegat serq mill-hanut taghhom Pawlu Pet Shop, il-Pulizija giet provduti b'filmat CCTV li fih, ghall-habta tal-16:15hrs tidher qed tieqaf hdejn il-hanut vettura Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni JQZ-486. Minn din il-vettura hargu zewg nisa li dahlu fil-hanut u xtraw xi affarijiet. F'hin minnhom wahda minn nisa bdiet titkellem ma tal-hanut waqt li l-ohra dahlet wara l-bank u bdiet tiehu l-flus u ddahhalhom fil-but tal-lemin. In segwitu ta' dan ir-rapport, ix-xhud ordna l-arrest tal-imputata Graziella Debono. Hu imbaghad ha l-istqarrija tal-imputata fil-prezenza ta' WPC 169 Doris Alsous. L-imputata kien qalet li hadet €50. Paul Muscat (Jr) kien ikkonferma mal-Ghassa li kien ircieva messagg Facebook Messenger minghand l-imputata fejn wieghdet li thallus lura €50.

Fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2022 xehed **Paul Muscat (Jr)**[9]. Spjega li l-imputata Graziella Debono u s-siehba taghha kien marru fil-hanut tieghu Pawlu Pet Shop u waqt li s-siehba qaghdet titkellem ma missieru biex taljenah, l-imputata dahet wara l-bank u bdiet tiehu l-flus mill-cash register. Ikkonferma li ttiehdu madwar €400. Spjega li huwa facilment identifika lill-imputata ghax kien diga` jaf min hi.

[7] Fol. 40 tal-atti processwali
[8] Fol. 42-44 tal-atti processwali
[9] Fol. 56-58 tal-atti processwali

Illi skont il-verbal tas-26 ta' Mejju 2021 ix-xhud kien informa l-Qorti illi dment illi l-imputata thallas l-ammont ta' erba mitt Euro (€400) ghas-saldu tal-pretenzjonijiet kollha tieghu, u lest li jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta' l-imputata.[10]

Fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2022 xehed **Paul Muscat (Jr)**[11]. Spjega li l-imputata Graziella Debono u s-siehba taghha kienu marru fil-hanut ta' missieru Pawlu Pet Shop u waqt li s-siehba qaghdet titkellem ma missieru biex taljenah, l-imputata dahlet wara l-bank u bdiet tiehu l-flus mill-cash register. Ikkonferma li ttiehdu madwar €400. Spjega li huwa facilment identifika lill-Graziella Debono ghax kien diga` jaf min hi.

Fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2023 xehdet **Stefania Calafato Testa**[12], Assistent Registratur Qrati Kriminali. Ikkonfermat li ma kienx hemm appell minn sentenza li kienet inghatat kontra l-imputata fis-27 ta' Gunju 2016. Ipprezentat kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest imposti fuq l-imputata minn din il-Qorti diversament preseduta tal-5 ta' Novembru 2020.

**Ikkunsidrat**

**Grad tal-prova fi proceduri penali għas-sejbien ta' ħtija**

Il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova sal-grad rikjest mil-ligi kemm l-element materjali kif ukoll dak formali tar-reati in ezami. Dan ma jfissirx li l-prosekuzzjoni ghandha tipprova l-elementi kostituttivi tar-reati mertu tal-imputazzjoni sal-grad tac-certezza assoluta, izda dejjem sal-grad lil hinn minn kull dubju ragonevoli.

[10] Folio 20 ta' l-atti processwali
[11] Fol. 56-58 tal-atti processwali
[12] Fol.67-69 tal-atti processwali

Fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi**[13], ghalkemm fuq reat differenti, il-Qorti tal-Appell tghallem hekk:

> *"Issa, pero', gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, <u>bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali</u>, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni, jew jekk fizikament ma ghamluhx huma, ghall-anqas setghux mic-cirkostanzi ragjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attivita' fil-hanut in kwistjoni li jappartjeni ghas-socjeta' li huma d-diretturi taghha, u, b'dan kollu, <u>**ghalkemm kienu konsapevoli ta' dan, jew setghu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta' dan, ma ghamlu xejn sabiex jwaqqfu dik l-attivita'**</u>. Fi ftit kliem, din il-Qorti trid tara jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel hi, liema ezercizzju ma taghmlux sabiex tissostitwixxi dak li ghamlet l-ewwel Qorti, in bazi ta' dawk il-provi, setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment tasal sabiex tikkonkludi li t-tlett appellanti, jew min minnhom, kellu din il-konsapevolezza, din l-intenzjoni kriminuza tant rikjesta, apparti l-aspett materjali."*
>
> *"Sabiex wiehed ikun sodisfatt li dan l-element formali kien jezisti fit-tlett appellanti, jew f'xi hadd minnhom, il-Prosekuzzjoni **ghandha l-oneru li tipprova sal-grad tal-konvinciment morali li l-appellanti, jew min minnhom, kienu ben konxji li qed issir dak ...[ir-reat]... u, b'dan kollu, ikkonkorrew u ghenu fil-ksur tal-ligi billi hallewh isir.**"*

[13] Appell Kriminali (Inferjuri) 284/2000 PV; 31.05.2001

Oltre dan il-htija tirrizulta meta mill-provi tkun tirrizulta l-istess htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Fil-kawza **Pulizija vs Paolo Farrugia** huwa risaput li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti"*[14] u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, *"u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat"*.[15]

Illi fil-kaz **Pulizija vs Lans John**[16] gie ritenut li *"fil-kamp penali kull dubju dettat mir-raguni ghandu dejjem imur favur l-imputat".*

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[17] ghamlet ukoll riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni *"beyond reasonable doubt"* moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension (1974 – ALL Er 372):** *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Muscat**[18]

> *'Illi l-prosekuzzjoni ghadnha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kul dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u*

---

[14] Appell Kriminali (inferhuri), 1.8.1959

[15] Vide f'dan is-sens (**Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** (Appell Kriminali (Superjuri) 5.12.2012; u **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, (Appell Kriminali (Superjuri) 5.7.2002.

[16] Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) deciza 21/2/2002

[17] deciz 5/12/1997

[18] deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' April 2017

*dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."'*

Il-Qrati taghna jikkonkludu li l-istess jghodd ukoll ghall-provi indizjarji. Anke dawn ghandhom iwasslu ghal prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Ghalhekk, sabiex tinstab htija fil-kamp penali, ma hemmx il-htiega li l-provi jkunu biss dawk diretti izda, anke meta ma jkunux, il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova l-kaz taghha sal-grad mehtieg. Ghalhekk, sabiex tinstab il-htija, provi indizzjarji jridu jkunu univoci u jwasslu ghall-konluzjoni wahda biss u cioe' il-htija.

Kif jinghad fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) vs Rupert Buttigieg** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Lulju 2019):

*"Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader' hemm referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' [1952] AC 480, 489.*

*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

*Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:*

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics.*

*Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir- reqqa kollha l-provi prodotti f' dan il-kaz.*

*Din il-Qorti fortunatament qieghda f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm il-process ma kienx quddiemha minn dejjem, kienet hi li ghexet il-process u semghet ix-xhieda kollha tul medda ta' zmien u cioe' tisma' viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha specjalment dawk li xehdu in kontro-ezami."*

B'hekk isegwi li jekk il-provi jistghu iwasslu ghal aktar minn konkluzjoni wahda, u jpoggu lill-Qorti f'salib it-toroq, tali provi ma jistghux jitqiesu

bizzejjed fil-kamp kriminali sabiex iwasslu ghall-htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) (Spettur Ramon Mercieca) Vs Omissis, Kenneth Borg**[19] fejn gie kkunsidrat:

> *"12. Illi dawn id-divergenzi kollha qatt ma setghu iwasslu ghall- konkluzzjoni li kien hemm ftehim komuni bejn Caruana u l- appellant sabiex issir din is-serqa. L-ewwel Qorti sabet li kien hemm prova wahda diretta konsistenti filli Caruana ghaddiet ic-curkett lill- appellant. Dan wahdu ma ghandux ikun kondicenti ghal sejbien ta' htija tant illi l-Qorti strahet fuq il-provi indizzjarji. Opportunement ikun mfakkar izda illi l-provi indizzjarji jew hekk imsejjha cirkostanzjali huma biss ta' siwi meta jkunu univoci u jippuntaw f'direzzjoni wahda. Fil-kaz odjern, dawn l-indizzji huma karenti minn din il-kwalita u konsegwentement ma thossx, din il-Qorti, li setghet ragjonevolment u legalment tinstab htija fl-appellant mill- Qorti tal-ewwel grad;"*

Anke fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana**[20] gie kkunsidrat:

> *'Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun* ***cara u univoka*** *fis-sens li twassal* ***necessarjament,*** *u f'kuntest ta' dak li hu* ***ragjonevoli****, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq* ***cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija****. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika*

[19] Deciza Appell Kriminali 27/3/2017
[20] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura kriminali fl-1 ta' Novembru 2001

*l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.'*

**Ikkunsidrat**

**Ir-reat ta' serq**

Illi l-imputat huwa akkuzat primarjament tali ikometta serq aggravat bil-vjolenza u bil-valur.

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-**Carrara** li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq; jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[21].

Infatti skond il-**Professur Mamo** din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*
4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

L-aggravju tas-serq kontestat f'dan il-kaz huwa elenkat fl-artikolu 261(c) tal-Kodici Kriminali li jinkludi l-aggravju tal-valur.  Dan qed jissemma specifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjoni tas-serq kif migjuba kontra l-imputat u li tinkorpora dawn l-aggravji.

[21] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-valur issir ssir meta s-serq tal-oggett misruq jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

**Ikkunsidrat**

**Provi li tressqu**

**Stqarrija**

Illi l-istqarrija tal-imputata[22] giet mehuda mill-Ispettur Roderick Attard fil-prezenza ta' Doris Al Sous wara li ghazlet li tikkonsulta mal-Avukat Dr Mario Mifsud. F'din l-istqarrija, wara mistoqsija dwar il-fatt relevanti ghall-imputazzjonijiet odjerni, l-imputata wiegbet li *"hemm il-provi hux, ma nistax nichad".* Madankollu cahdet li kienet f'kolluzjoni mas-siehba taghha Shanice Abela sabiex din fixklet lil tal-hanut sabiex l-imputata setghet tisraq aktar facilment. Cahdet ukoll li ghandha *raincoat* vjola bhal dak li jidher fil-filmat CCTV ezebit in atti.

Il-prosekuzzjoni esebiet ukoll ir-rapport dwar l-incident li ggib ir-referenza NPS 7/P/388/2021.[23] Illi f'dan ir-rapport hemm rendikot li jikombaci ma dak li xehdu x-xhieda waqt is-smiegh tal-proceduri.

Il-prosekuzzjoni esebiet ukoll filmat CCTV li permess tieghu wiehed jista josserva u jara d-dinamika tas-serqa.

Illi wara li l-Qorti kellha l-opportunita tisma l-provi kollha, inkluz il-parte civile jidher li l-imputata inqabdet in flagrante u l-kontestazzjoni piutost hija dwar l-ammont ta' flus misruqa iktar milli jekk kienetx l-imputata. Minn naha taghha l-imputata stess ammetiet waqt l-istqarrija li ma kienitx qeda tichad is-serqa li grat.

---

[22] Fol. 11-13 tal-atti processwali

[23] Dok RA5, Folio 14-17 ta' l-atti processwali

**It-tieni imputazzjoni**

Il-prosekuzzjoni esebit ukoll digriet u kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest mill-Magistrat (dak iz-zmien) Josette Demicoli nhar it-28 ta' Jannar 2021.[24] Illi l-imputazzjonijiet jirreferu ghal data tal-25 ta' Jannar 2021 u jirrizulta li dan id-digriet inhareg minn Qorti ohra tlett ijiem **wara** dan l-incident. Di piu it-tieni imputazzjoni tirreferi ghal digriet iehor mahrug nhar il-5 ta' Novembru 2020 mill-Magistrat Dr. Rachel Montebello.

Iktar il-quddiem il-prosekuzzjoni kienet esebiet dan id-digriet li ggib id-data tal-5 ta' Novembru 2020 mahrug mill-Magistrat Dr. Rachel Montebello.[25] Illi mix-xhieda ta' l-Assistent Registratur tal-Qorti jirrizulta li dawn il-proceduri ghadhom ghaddejin u jinsabu pendenti quddiem Qorti ohra bil-kumpilazzjoni numru 591/2020.[26]

Illi fost dawn il-kundizzjonijiet hemm imsemmi fir-raba' kundizzjoni li ma tikkomettiex delitt ta' natura volontarja waqt li tkun mehlusa mill-arrest

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li t-tieni imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata u sejra issib htija dwar din il-imputazzjoni.

**L-addebitu tar-recidiva**

Illi l-imputata Graziella Debono gie akkuzat wahdu ukoll li f'kaz ta' htija jitqies li huwa recidiv taht l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-prosekuzzjoni esebit sentenza f'dawn ir-rigward[27]. Illi din is-sentenza kienet dwar falsifikazzjoni kif ukoll dwar serq.

---

[24] Folio 18 ta' l-atti processwali
[25] Dok SCT1, Folio 70 ta' l-atti processwali
[26] Folio 68 ta' l-atti processwali
[27] Dok RA6, Folio 45-53 ta' l-atti processwali

Illi fir-rigward ta' din is-sentenza l- Qorti tara li l-konnotati tal-imputat jaqblu ma dawk ta' l-imputazzjonjijiet kif ukoll mal-fedina penali.

Ghaldaqstant mill istess verbali tas-seduti ma jirrizultax li kien hemm ezenzjoni ta' l-ufficjal prosekutur sabiex jikkonferma din is-sentenza. Ma dan kollu l-Qorti xorta tqis is-sentenza in kwistjoni bhala valida in vista tal-fatt li l-konotati jaqblu ma dawk ta' l-imputata.

Illi permess ta' din is-sentenza l-imputata giet ikkundanata piena karcerarja ta' sittax (16) il-xahar habs li gew sospizi ghal erba' snin ai termini ta' l-artikolu 28A(1) tal-Kodici Kriminali.[28]

Illi l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali jghid hekk:

*Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.*

L-artikolu 50 jistqarr:

*Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi ghalhekk, l-addebitu tar-recidiva japplika jekk wara kundanna, il-malvivent jaghmel atti kriminali li jikkostitwixxu reat. F'dan il-kaz, l-atti kriminali li bihom giet mixlija l-imputata f'din il-kawza huma precedenti ghall-kundanna tas-sentenza tas-27 ta' Gunju 2016. Konsegwentement, l-addebitu tar-recidiva jista jinghad li jirrizulta a bazi ta' din is-sentenza.

[28] Folio 53 ta' l-atti processwali

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li permezz ta' din is-sentenza l-imputata tista tigi kkunsidrata recidiva.

Il-Qorti tara wkoll li parti mis-sentenza kienet dwar serq.

Illi l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali fuq piena fil-kaz ta' recidiva ta' serq jghid:

*"(1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.*

*(2) Meta ż-żieda fil-piena ma tistax issir ħlief billi tiġi mogħtija l-piena tar-reklużjoni, din il-piena tista' tingħata satmintax-il perijodu.*

L-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali huwa applikabbli *"fil-kazijiet ta' recidiva..."* ta' serq u peress li r-recidiva kif definita skont l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali tirrikjedi li l-persuna koncernata *"tkun giet ikkundannata ghal reat..."* persuna li tigi ikkundanata prigunerija (anke jekk is-sentenza hija sospiza) ghandha titqies bhala persuna recidiva u ghalhekk ladarba hemm recidiva skont l-artikolu 49 u 50 hemm recidiva skont l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali u ghalhekk is-sentenza dwar serq taghti lok ghal zieda tal-piena taht l-artikolu msemmi.

Ghaldaqstant stante li s-sentenza valida hija rigward serq din il-Qorti tqis li l-addebitu tar-recidiva gie sufficjentement ippruvata skond il-ligi u f'kaz ta' htija l-imputata ghandha tigi meqjusa bhala recidiva skond l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi għal-finijiet ta' piena li għandha tiġi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputata.[29], li tindika li fil-passat, l-imputata kienet instabet hatja ta' reati relatati ma serq, falsifikazzjoni u frodi.

**Decide**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c), 267, 49, 50, 289 u 579(2) qed issib lil Graziella Debono **hatja** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotta kontriha u tikkundannaha piena ta' prigunerija ta' disa' (9) xhur li bl'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal sentejn (2) mill-illum.

Il-Qorti spjegat u fehmet lill imputata bi kliem car l-konsegwenzi u r-responsabilita taghha fir-rigward tas-sentenza sospiza.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali taghzel li ma titrattax ma l-imputata fis-sens li ma tirrevokax l-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti lil-imputata u tordna l-arrest mill-gdid skond l-artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda tikkundannah multa ta' elf Euro (€1,000) u tordna li s-somma ta' tlett elef u hames mitt Euro (€3,500) imsemmija bhala garanzija personali tghaddi a favur il-Gvern ta' Malta.

In oltre' ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tpoggi lill-hatja taht **Ordni ta' Supervizjoni** ghal sentejn u flimkien ma' din is-sentenza qieghda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputata

[29] Fol. 7-9 ta' l-atti processwali

thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moghtija illum nhar it-28 ta' Novembru, 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**